MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 487/2004

**Emanuel Delicata & Sons Ltd**

**vs**

**Astoria Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm633.65) rapprezentanti prezz ta' xorb mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta attrici lil dik konvenuta.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sa l-effettiv pagament, kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici fejn hija cediet s-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu jikkundanna lis-socjeta konvenuta ihallas lis-socjeta attrici l-ispejjez ta’ din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------